# CIRCULAR CITY



Maja Djolić, Aleksandra Vučinić, Nataša Atanasova and Günter Langergraber

Book title: Circular City
Authors: Maja B. Đolić, Aleksandra Vučinić, Nataša Atanasova and Günter Langergraber
Translated into Maltese by: Margaret Camilleri Fenech, Romina Zammit, Institute for Climate Change and Sustainable Development, University of Malta
Illustrations: Ana Popović (Inst@ananana_14, @ananana_design)
Illustration of Cover page: Tea Nikolić (Inst@prismriver_)
©Circular City COST Action CA17133
Grant Holder Institution:
Universität für Bodenkultur Wien (BOKU)
Department of Water, Atmosphere and Environment
Institute of Sanitary Engineering and Water Pollution Control
Muthgasse 18, 1190 Vienna, Austria

Chair of the Action:
Dr. Günter Langergraber
Head, Department of Water, Atmosphere and Environment
guenter.langergraber@boku.ac.at
Co-Chair of the Action:
Dr. Nataša Atanasova
University of Ljubljana, Faculty of Civil and Geodetic Engineering
natasa.atanasova@fgg.uni-lj.si
Reuse is authorized provided the source is acknoledged. It can be used for educational purposes for the appropriate reference.

This publication is based upon work from COST Action CA 17133 "Implementing nature based solutions for creating a resourceful circular city (Circular City Re.Solution)" supported by COST (European Cooperation in Science and Technology).

COST (European Cooperation in Science and Technology) is a funding agency for research and innovation networks. Our actions help connect research and initiatives across Europe and enable scientists to grow their ideas by sharing them with their peers. This boosts their research, career and innovation.

www.cost.eu

COST
EUROPEAN COOPERATION
IN SCIENCE & TECHNOLOGY

Funded by
the European Union

COST Action CA17133

Circular City
circular-city.eu

Grant Holder Institution:

BOKU

# JUM SABIĦ U XEMXI

Ana u Luka kienu fi triqithom lura lejn id-dar wara ġurnata skola. Kienu qed jiftakkru fl-attivitajiet li għaddew minnhom matul il-jum waqt li jgawdu l-ilma ġieri tax-xmara li taqsam il-belt li tant kienet għal qalbhom.



Il-konversazzjoni ferriħija tagħhom dlonk inbidlet f'waħda serja. Waqt li kienet qed tħares lejn il-mewġ tax-xmara, Ana qalet lil Luka, "Taf kemm hu importanti l-ilma għall-ġisem tal-bniedem? 70 fil-mija ta' ġisimna huwa magħmul mill-ilma."









“Bi traskuraġni kbira l-ilma tad-drenaġġ li joħroġ mid-djar u mill-industrija jintrema f’postijiet bħalma huma xmajjar u nixxiegħat. Meta jiġri hekk inkunu qegħdin inpoġġu fil-periklu il-ħlejjaq kollha li jgħixu fl-ilma bħalma huma granċijiet, ħut u pjanti tal-ilma kif ukoll ħlejjaq oħra li għalkemm ma jgħixux fl-ilma jiddependu minnu.”



“L-ilma maħmuġ jagħmel ħafna ħsara wkoll lil ħlejjaq oħra bħaż-żrinġijiet li nsibuhom fuq ix-xtut.”



"Kemm ikun iktar aħjar kieku l-ilma maħmuġ jiġi ppurifikat qabel jintrema. B'dan il-mod inkunu qed nippreservaw l-ilma, kif ukoll nipproteġu nixxiegħat u xmajjar għal ġenerazzjonijiet futuri. L-ilma hu wieħed mill-iktar riżorsa importanti li għandna fid-dinja."



Waqt li Luka kien qed jisma' b'interess dak li bdiet tosserva Ana, għal ftit ma waqax. B'xorti tajba, Ana tagħtu jdejha u rnexxielha żżommu milli jweġġa'.

Luka dar biex jara x'kien dak li kien ser jaqa' fih u nduna li kien flixkun tal-plastik li kien qiegħed jitgerbeb fuq il-bankina.









"“Ma nistax nifhem għalfejn xi ħadd rema l-flixkun tal-plastik fuq il-bankina fejn jimxu n-nies. Xi ħadd jista’ jaqa’ u jweġġa’”, qal Luka lil Ana.

“Dan il-viljakk jaf li meta l-plastik jintrema fin-natura jdum fuq mitt sena biex jiddekomponi?!”



“Il-plastik jista’ jiġi rriċiklat u minnu jsiru oġġetti ġodda. U din mhux xi ħaġa diffiċli. In-nies għandhom jarmu l-plastik bil-għaqal, jiġifieri ġo kontenituri apposta biex ikun jista’ jiġi rriċiklat. Jien dejjem hekk nagħmel u ma nsib l-ebda diffikultà biex nissepara l-iskart f’kontenituri differenti għall-karti, metall, plastik u ħġieġ. Inħossni sodisfatt meta nagħmel hekk għax inkun naf li għamilt xi ħaġa tajba u ta’ ġid kemm għalija kif ukoll għall-ambjent li ngħix fih.”









"B'hekk inkunu qed innaqqsu l-impatt tagħna fuq it-tibdil fil-klima. In-nixfa kbira u l-għarar huma riżultat tal-attivitajiet tal-bniedem li wasslut biex tinbidel il-klima. Dawn it-tibdiliet jistgħu jwasslu wkoll biex ċerti pjanti u speċi ta' annimal jinqerdu", temm Luka.

“Ana, aħna qed nużaw wisq riżorsi naturali: ilma, art, foresti... dinja waħda għandna imma qed nikkonsmawha daqs li kieku għandna tnejn. Ilna wisq naħlu u qed nispiċċaw nużaw ir-riżorsi tal-ġenerazzjonijiet futuri. X’futur qed inħallulhom jekk qegħdin inħarrbtu l-ambjent ewlieni li jistgħu jgħixu fih?”





Waqt li kienu qed jitkellmu bdiet nieżla x-xita, għalhekk Ana u Luka ġrew lejn ġnien li kien fil-qrib biex jistkennu taħt siġra.



Ana kompliet tgħid lil Luka, "Jien inħobb ħafna n-natura, imma nħobb ukoll il-belt li ngħixu fiha. Fin-natura nħobb is-siġar, il-ħxejjex u l-ħdura. Fil-belt tagħna nħobb l-iskola, il-ħbieb, il-ġiri bir-rota, il-logħob bil-ballun... Kemm inkun ferħana kieku nkun nista' ngħaqqad in-natura mal-belt tagħna u nsejħulha belt naturali."



Luka wieġeb, "Illum il-ġurnata dan faċilment jista' jsir. Jekk ilkoll nagħmlu sforz, inkunu nistgħu ngħixu f'belt iktar ħadranija. Ma nafx jekk tafx imma anke l-ħitan u l-bjut jistgħu jsiru ħodor. Tista' timmaġina l-pjanta favorita tiegħek u l-frawli frisk jikbru mal-ħitan jew fuq il-bejt? Ara kemm ikunu sbieħ!"







“Kemm tkun xi ħaġa sabiħa kieku,” qalet Ana b’entużjażmu kbir. “Jien kieku nħawwel ħafna margeriti għax dawk huma l-fjuri favoriti tiegħi. Għal ommi nħawwel ħafna ħwawar ifuħu: rignu, jew ħabaq tużahom ħafna waqt it-tisjir. Kemm tkun idea tajba!”



"B'hekk inkunu nistgħu nħawlu l-pjanti favoriti tagħna, filwaqt li l-ħitan u l-bjut ħodor jipproteġuna mit-tibdil fit-temperaturi. Id-dar tagħna tkun iktar sħuna fix-xitwa u iktar friska fis-sajf. B'dan il-mod niffrankaw l-enerġija u nnaqsu l-impatt fuq it-tibdil fil-klima!"



Ix-xita waqfet, u Ana u Luka komplew mexjin. Iltaqgħu ma’ xi ħbieb mill-iskola li kienu qegħdin bilqiegħda fuq bank jieklu xi frott bnin.



Ana qaltilhom, “Tafu li terz tal-ikel li nipproduċu jintrema? Aħsbu ftit kieku nagħtu dan l-ikel kollu lil dawk li huma l-iktar fil-bżonn jew nużawh għal skop ieħor. Din il-qoxra tal-banana jew iz-zokk tat-tuffieħa tista’ tkun ta’ sustanza għall-pjanti oħra. In-natura titmagħna u aħna nitimgħu lilha. Ċirku perfett! Fil-fatt in-natura għandha soluzzjoni għal kollox. Kemm tkun xi ħaġa sabiħa kieku nikkonvinċu lill-ħbieb tagħna kollha biex jgħixu hekk. Iżda biex jirnexxilna nagħmlu hekk, l-ewwel irridu nedukaw lilna nfusna.





Wieġeb Luka, “Iva, jien nixtieq inkun perit u nibni d-dar tiegħi b’mod aktar ħadrani.” Żiedet Ana, “Kemm hi idea tajba! Jien il-ħolma tiegħi hija li nsir bijologa u nistudja n-natura.” Petar daħal fil-konversazzjoni u kompla, “Jien se nsir enġinier u nibni impjanti tat-trattament tal-ilma!” Waqt li kienet qed tisma’ b’interess dak li bdew jgħidu sħabha, Mia qalet, “U jien se nsir ekonomista biex inkun nista’ ngħinkom kollha nibnu Belt b’Ekonomija Ċirkulari flimkien.”







# PARIR LIL MIN VERU JĦOBB IN-NATURA

- Tgħallem dwar il-bliet b'ekonomija ċirkulari billi tara dan il-video: https://www.youtube.com/watch?v=R3NXLb-W1 pg

- Minbarra rignu u ħabaq, hemm ħwawar oħra li jfuħu ħafna. Sib liema huma u fittixhom qrib id-dar tiegħek!

- Ħawwel siġra fil-komunità tiegħek, ħu ħsiebha u araha tikber miegħek!

- Issepara l-iskart u armih f'kontenituri għar-riċiklaġġ apposta! Ipprova agħmel xi ħaġa tajba għall-ambjent kuljum!

- Ibża' għall-ilma! Jekk ma tagħlaqx l-ilma waqt li taħsel snienek, madwar 11-il litru ta' ilma tajjeb joħroġ minn ġol-vit fi ftit minuti. Kun ċert li l-vit ikun magħluq sew waqt li qed taħsel snienek!

- Ibża' għad-dawl! Itfi d-dawl meta toħroġ mill-kamra u itfi wkoll apparat ieħor elettroniku li ma tkunx qed tuża.

- Fittex suġġetti dwar l-ambjent u mal-ħbieb tiegħek organizza lezzjonijiet għal tfal oħra li joqogħdu viċin tiegħek. Agħmel mezz biex dan il-ktieb ikun ta' għajnuna għalik!

- Ipprova qatta' kemm tista' ħin fil-kampanja. Ħu gost u ddeverti!



# GĦAT-TFAL IŻ-ŻGĦAR LI JIXTIEQU JISKOPRU IKTAR – SIB ID-DIFFERENZI









PINĠI BELT
B'EKONOMIJA ĊIRKULARI.

